# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.6

**Kap 7: Niskopru l-valuri**

**Lezzjoni 7.6: 'Le ma niċħdek qatt, lanqas jekk ikolli mmut miegħek'.**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jesperjenzaw ir-realtà fil-ħajja ta' Pietru u Ġuda.

2. Jifhmu l-importanza li wieħed jagħraf l-iżbalji tiegħu u jkompli miexi.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Dwett bejn Pietru u Ġuda:

  http://www.youtube.com/watch?v=V9SDAzCdH0U



– Bibbja

– Karta ta' taħriġ 7.5

– Kanzunetta:

  http://www.youtube.com/watch?v=TRon2Q7yluk

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Staqsi lill-istudenti x'jgħidilhom l-isem Pietru u l-isem Ġuda u ħallihom jiddiskutu u jaqsmu l-ħsibijiet.



- Uri d-dwett bejn Pietru u Ġuda: http://www.youtube.com/watch?v=V9SDAzCdH0U.
- Staqsi dawn il-mistoqsijiet:
  – Min kienu dawk iż-żewġ persuni li dehru fix-xena?
  – B'dak li kantaw, x'messaġġ kienu qegħdin jippruvaw iwasslu?
  –Kif taħseb li kienu qed iħossuhom? Għaliex?

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

- Aqra mill-Bibbja (Mattew 26: 47-56, 69-75, 27: 1-10) it-tradiment ta' Ġuda u ċ-ċaħda ta' Pietru.



- Staqsi dawn il-mistoqsijiet:
  - Kif ħassu Pietru meta ċaħad lil Ġesù?
  - Kif taħseb li ħassu Pietru hekk kif sema' s-serduk jidden?
  - Kif taħseb li ħassu Ġesù hekk kif sema' s-serduk jidden?
  - Kif ħassu Ġuda hekk kif induna bl-iżball tiegħu?
  - Kif taħseb li ħassu Ġesù li kien jaf li Ġuda kellu jittradieh?
  - Iddiskuti l-emozzjonijiet tat-tliet personaġġi importanti (Ġesù, Pietru u Ġuda).

- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 7.5 u wara li taqra s-silta mogħtija u bħala klassi aħdem Attività A
- a) tweġibiet: tnax – qassisin – idejkom – tletin - ħin
- b) ma kienx jemmen li Ġesù kien iħobbu – ried lil Ġesù jkun re tad-dinja.

  Aħdem Attività B

  a) Pietru – bitħa - mara – ċaħad;

  b) Kien jemmen li Ġesù jħobbu tassew – jemmen fil-maħfra ta' Ġesù – lil Ġesù hu kien iħobbu u kien lest li jmur u jitolbu maħfra.
- Aqra Attività C war ddiskuti l-istorja mogħtija u anke l-mistoqsijiet. Fakkar li mhux sew li ngħidu fuq l-oħrajn ħbieb jew mumhiex. Inweġġgħu bil-kbir meta jiġri hekk, imma għandna xorta niskużaw lil dak li jkun u wara li niddiskutu mal-persuna biiex naraw għalfejn sar hekk, naħfru.

Agħlaq il-lezzjoni bis-song mogħtija Bħala ċelebrazzjoni, ikantaw flimkien il-kanzunetta 'Stand Up, Stand Up for Jesus' minn http://www.youtube.com/watch?v=TRon2Q7yluk

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Isiru midħla tal-passaġġi - Matt. 26, 47-56, 69-75; 27, 1-10.
2. L-appostli, fil-maġġoranza tagħhom, kienu jħobbu lil Ġesù, imma fil-prova ħafna minnhom ħarbu.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



Ejjew llum insibu modi differenti u nuru kif nistgħu nħobbu tassew.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Il-kanzunetta 'Stand Up, Standu Up for Jesus' minn
http://www.youtube.com/watch?v=TRon2Q7yluk

Din tkompli turina li għall-kuntrarju ta' Pietru u Ġuda, għandna nuru li aħna ħbieb ta' Ġesù f'kull moment ta' ħajjitna u mhux nistħu nuru dan. Minkejja dan, jekk nonqsu lil Ġesù għandna dejjem nuruh li ddispjaċiena u nerġgħu nduru lejh.



**Nitolbu**

It-tfal jitħallew jgħidu talba relatata mat-tagħlima ta' din il-lezzjoni.

